Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2014

**Glorianne Calleja** **(appellata)**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali** **(appellant)**

It-Tnejn, 27 ta' Gunju 2016.

1. B'ittra datata 7 ta' Gunju 2013 l-appellant gharraf lill-appellata li kellha tirrifondi lura s-somma ta' €9,811.40 f'children allowance li hallas id-Dipartiment fil-perjodu bejn 17 ta' Novembru 2007 u 5 ta' Lulju 2013. Ir-raguni li nghatat ghal din id-decizjoni kienet li: *"m'intix qed tifforma familja ghal rasek u/jew tabita fl-indirizz moghti minnek lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali."*

2. L-appellata pproponiet appell quddiem l-Arbitru fejn argumentat li:

   i. Ikun hemm okkazzjonijiet meta hi u wliedha jorqdu ghand missier uliedha, Louis Grech li pero ma jridx irbit u ma jaccettax li jghixu mieghu.

   ii. L-appellanti u/jew uliedha gieli jmorru jorqdu ghand ohtha Diane li tghix Santa Venera. L-appellanti ssib hafna ghajnuna minghand ohtha.

   iii. Hi dejjem kient ghix ghand ommha, u hekk baqghet taghmel meta fl-1997 harget tqila b'binha l-kbir Dylan. Baqghet tghix ma' ommha wkoll meta fl-2003 twieldet it-tifla Kristel. Ommha u missierha sseparaw u ommha bdiet torqod fil-kamra li fiha torqod l-appellanti u wliedha minuri. Din is-sitwazzjoni m'hijiex komda u ghalhekk l-appellanti u wliedha spiss imorru ghand missier it-tfal f'Birkirkara u gieli raqdu hemm.

3. Fit-twegiba, l-appellat isostni li minn spezzjoni li saret mill-ispetturi tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni tal-Frodi ta' Beneficcji, r-rapport tal-ispettur wera bic-car li l-esponenti ma kinitx qed tabita fil-fond Blokk G2, Flat 9, Triq l-Istiratur, Mosta.

4. B'decizjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 (numru 350/14), l-Arbitru laqa' l-appell. Fid-decizjoni jissemma li fil-fehma tieghu l-investigazzjoni ghandha nuqqas ghaliex il-beneficjarja ma ntalbitx taghti l-verzjoni taghha. Kompla jzid:

   *"L-Arbitru mhux se jaccetta stharrig ibbazat – partikolarment ibbazat fuq l-ispezzjoni illi saret fl-indirizz iddikjarat – minghajr ma jkun hemm tentattiv li tittiehed il-verzjoni tal-persuna*

*kkoncernata. Decizjonijiet ghandhom jittiehdu fuq provi u mhux x'wiehed jahseb jew jissoponi.*

*L-Arbitru ha kont tal-komportament tal-appellanti waqt ix-xiehda taghha u tax-xhieda minnha mressqa u s-sottomissjonijiet finali li ghamel l-abbli avukat Leslie Cuschieri."*

5. Il-provi kienu jikkonsistu fis-segwenti:

   5.1 Rapport tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji.

   5.2 Deposizzjoni tal-appellata.

   5.3 Deposizzjoni ta' Diane Farrugia, oht l-appellata.

6. L-aggravju tal-appellant hi li mill-provi jirrizulta li l-appellata m'hijiex tabita fid-dar tal-genituri taghha.

7. Min-naha taghha l-appellata wiegbet li l-appell kien *fuori termine*. Fir-rigward tal-meritu tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

8. F'dan ir-rigward l-appellat ipprezenta dokumenti biex jirribatti din l-eccezzjoni. Jirrizulta li:

   i. Fil-15 ta' Ottubru 2014 inghatat id-decizjoni mill-Arbitru.

   ii. L-ufficcju tal-Arbitru baghat id-decizjoni lill-appellant permezz ta' *covering letter* datata 16 ta' Ottubru 2014. Dan permezz ta' posta registrata numru RR53532552MT.

   iii. L-ittra bid-decizjoni ntbaghatet fl-20 ta' Ottubru 2014 u waslet ghand id-Dipartiment fil-21 ta' Ottubru 2014.

   iv. Skond l-Artikolu 109(2) tal-Kap. 318: *"Appell kif imsemmi qabel f'dan l-artikolu ghandu jsir permezz ta' rikors fi zmien* ***tletin jum <u>mill-gurnata meta d-decizjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub</u> permezz ta' posta registrata lil min jaghmel it-talba*** *jew lill-beneficjarju jew lid-Direttur, skont il-kaz."* Jekk wiehed kellu japplika dan il-provvediment b'mod litterali, it-tletin gurnata (30) bdew jiddekorru mill-21 ta' Ottubru 2014, peress li l-ligi tiddisponi li t-terminu ta' 30 gurnata jiddekorru mid-data meta d-decizjoni tasal bil-miktub ghand id-Direttur. Pero' skond l-Artikolu 102 tal-Kap. 12, li l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux japplika ghall-appell minn decizjoni tal-Arbitru, jipprovdi: *"Meta z-zmien legali jew gudizzjarju ghandu jibda jghodd minn gurnata stabbilita, dik il-gurnata ma tinghaddx bhala mdahhla f'dak iz-zmien…"* Dan ifisser li t-terminu tal-appell kien jaghlaq fl-20 ta' Novembru 2014, li hi l-gurnata meta l-appellant ipprezenta l-appell.

   v. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari hi michuda.

9. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva li l-provi li l-appellata m'hijiex tghix fid-dar tal-genituri taghha, m'humiex ftit. F'dan ir-rigward:

9.1 Fl-ispezzjoni li saret fir-residenza tal-genituri tal-appellata, hwejjeg tat-tfal Dylan u Kristel ahwa Grech, ma nstabux. L-appellata xehedet li t-tfal taghha, spiss jorqdu l-Mosta. Pero' ma spjegatx kif meta saret l-ispezzjoni, hwejjeg tat-tfal ma nstabux. Ghall-qorti hu evidenti li t-tfal m'humiex ighixu l-Mosta.

9.2 Hu evidenti li meta omm l-appellata ntalbet turi liema kienu l-hwejjeg ta' bintha, infixlet. Ma kinitx kapaci turi liema kienu l-hwejjeg ta' bintha. Illimitat ruhha biex tghid li l-hwejjeg huma taghha u tal-appellata. Fit-twegiba l-appellata qalet: *"(B) la omm il-beneficjarja gharfet biss ftit mill-hwejjeg tal-beneficjarja, allura seta' jigi konkluz li l-beneficjarja ma kellhiex il-hwejjeg taghha hemm ! Allahares l-ghixien tan-nies f'diffikultajiet finanzjarji ikun jiddependi minn rapport dilettanteski ta' dan it-tip"* Il-qorti ma taqbel xejn ma' dawn it-tip ta' argumenti. Hu proprju minn spezzjoni li saret b'sopriza, li rrizulta kemm l-appellata u wliedha m'humiex ighixu l-Mosta. Spezzjoni li minnha rrizultaw fatti li sfortunatament l-Arbitru skarta. Hu minn fatti bhal dawk li hemm fir-rapport li normalment beneficjarju jinqabad fil-gideb. Jekk f'dan il-kaz kien hemm xi haga dilettanteska kien proprju l-mod kif l-appellata, bl-ghajnuna ta' familjari taghha, ipprovat tahbi l-verita.

9.3 Fir-rigward tal-post ta' rqad fil-fond tal-genituri tal-appellata, ommha nfurmat lill-ispetturi li l-appellata w wliedha jorqdu fl-istess kamra tas-sodda fejn torqod hi. Fir-rapport jinghad:

*"Din il-kamra kienet tikkonsisti f'zewg sodod tal-wiehed, wahda man-naha tax-xellug u l-ohra man-naha tal-lemin, b'units ikomplu maghhom, kif ukoll gwardarobba u gradenza. Hawn ta' min ighid li s-sodda tan-naha tax-xellug kienet mimlija bl-affarijiet fuqha bhal borza sewda u xi soft toys. Dan taghna x'nifhmu li hadd ma kien raqad fuq dik is-sodda matul il-lejl. Mistoqsija kif jirnexxielhom jorqdu f'kamra b'zewg sodod, is-Sinjura Calleja spjega li hija torqod fuq sodda, Glorianne torqod fuq l-ohra u t-tfal jorqdu fuq saqqu li jintefah, izda li haditu ghat-tiswija ghax kien infaqa !"*

Pero' ma qalitx ghand min suppost ittiehed is-saqqu biex jissewwa. Lanqas m'hemm spjegazzjoni kif sodda li suppost tintuza' ghall-irqad, kienet mimlija affarijiet.

9.4 Mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, it-tfal Dylan Grech u Kristel Grech huma registrati fl-indirizz Flat 1, Aurora Court, Triq Guze' Orlando, B'Kara. Dan hu l-indirizz ta' missierhom. Madankollu t-tfal ighixu m'ommhom. Veru li l-appellata xehedet li *"... missierhom ried li jircievi hu l-karti dwar it-tfal u ghalhekk tathom l-indirizz ta' B'Kara u cioe' ta' missierhom,"* pero' ghall-qorti ma jaghmilx sens li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni m'ghandhomx l-indirizz tar-residenza tal-appellata. Dan apparti li Louis Grech qatt ma tressaq bhala xhud sabiex jikkorabora dak li xehedet l-appellata. Xhud li fil-fehma tal-qorti kien importanti sabiex l-appellata tikkorabora l-verzjoni li tat. Inoltre, skond it-taghrif li ta d-Dipartiment tal-Edukazzjoni (ara email datata 5 ta' Dicembru

2012), bhala *Relative name*, inghata isem l-appellata u mhux Louis Grech. Ghalhekk ma rrizultax li Louis Grech jissemma fir-records tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Indikazzjoni li tkompli ddghajjef il-posizzjoni tal-appellata.

9.5 It-tfal ma jmorrux skola fil-Mosta. Jekk l-appellata verament tghix fl-istess fond fejn ighixu l-genituri taghha, ir-raguni tghidlek li kellhom imorru skola fl-istess rahal. Pero' Dylan Grech b'sehh minn Settembru 2008 beda jattendi skola fil-Hamrun filwaqt li Kristel Grech b'sehh minn Ottubru 2006 bdiet tattendi l-iskola primarja ta' Santa Venera. Il-fatt li Diane Farrugia tghix f'Santa Venera, m'hijiex spjegazzjoni sodisfacenti.

9.6 Quddiem l-Arbitru, l-appellata xehedet li l-uniformi tat-tfal tkun ghand ohtha peress li jiqbghu sejrin ghandha wara l-iskola. Pero' jekk it-tfal qeghdin verament ighixu fil-fond tal-Mosta, suppost filghodu jilbsu l-uniformi hemmhekk. Madankollu fl-ispezzjoni li saret, hwejjeg tat-tfal ma nstabux. Indizju li t-tfal m'humiex ighixu fil-fond tal-Mosta.

9.7 Hu minnu li fil-kors tal-investigazzjoni ma saret l-ebda intervista lill-appellata. Il-qorti hi tal-fehma li meta ssir investigazzjoni ta' din ix-xorta, l-ispetturi kellhom jintervistaw lill-beneficjarja. Kien ukoll ikun desiderabbli li l-ispetturi:

i. Jipprovaw jaghmlu spezzjona fir-residenza ta' Louis Grech u ta' oht l-appellata;

ii. Jigbru iktar informazzjoni dwar Diane Farrugia u l-familja taghha, bhal per ezempju meta zzewwget u kemm kienet ilha tghix fil-fond 44, St. Venera Court, Flat 4, Triq il-Fawwara, Sta. Venera.

iii. Jitkellmu mal-ufficjali tal-iskola fejn imorru t-tfal u jitolbu taghrif dwar il-kuntatt li ghandhom ma' Louis Grech u kemm jinvolvi ruhu fl-edukazzjoni tat-tfal. Hekk ukoll jitolbu taghrif minghand l-awtoritajiet tal-iskola dwar min jiehu u jigbor lit-tfal wara l-iskola.

9.8 Pero' b'daqshekk ma jfissirx li r-rapport mhu ta' ebda valur. Rapport li fih fatti li fil-fehma tal-qorti jikxfu din il-*mise en scene* tal-appellata. Dan apparti li kellha kull opportunita' li taghti l-verzjoni taghha waqt il-process ta' appell quddiem l-Arbitru. Verzjoni qasir li meta tikkunsidra l-fatti l-ohra li rrizultaw mill-investigazzjoni, m'hijiex kredibbli.

10. Meta l-qorti tqies dawn il-provi kollha, fil-fehma taghha l-Arbitru kellu jasal ghal konkluzjoni wahda biss, li l-appellata, ohtha Diane Farrugia u ommha ma qalux il-verita. M'hemmx konkluzjoni differenti li wiehed jista' jasal ghaliha. L-appellata u wliedha m'humiex ighixu fir-residenza tal-genituri taghha u l-probabilta' hi li l-appellata lanqas mhi tifforma familja ghal rasha.

11. L-Artikolu 102 jipprovdi li *"…. Kull persuna li tkun irceviet xi somma bhala beneficcju, pensjoni, allowance jew ghanuna taht dan l-Att li ma kellhiex dritt ghalih skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandha thallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li taghtih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan….."*

Il-qorti tosserva:

i. F'dan il-kaz m'hemmx prova li d-Dipartiment talab ghal xi taghrif minghand l-appellata skond ma jinghad fl-Artikolu 97 tal-Kap. 318. Id-decizjoni tad-Direttur kienet bazata biss fuq l-investigazzjoni li saret mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji.
ii. Minn diversi kazijiet li qeghdin jigu quddiem din il-qorti, l-investigazzjoni tibda fuq rapport anonimu. Il-qorti hi tal-fehma li d-Dipartiment ghandu jkollu bizzejjed rizorsi umani sabiex minn zmien ghal zmien jaghmel verifiki minn jeddu biex jiddetermina jekk kienx hemm bdil ta' cirkostanzi.
iii. Jidher li r-rata ta' *children's Allowance* li genitur ikun intitolat ghalih, jiddependi mid-dhul li persuna ghandha kull sena. Id-Dipartiment qieghed isostni li l-appellata rceviet is-somma ta' €9,811.40 zejjed fil-perjodu bejn it-12 ta' Novembru 2007 u l-5 ta' Lulju 2013.
iv. M'hemmx prova li l-fatt li l-appellata ma baqghetx tghix fl-indirizz tal-genituri taghha, ghandu jkollu mpatt fuq ic-children's allowance li kellu jithallas lilha bhala genitur. Lanqas m'hemm prova dwar xi dhul kellu Louis Grech, missier il-minuri, fil-perjodu in kwistjoni. Hu evidenti li d-Dipartiment m'ghamel l-ebda ndagni f'dan ir-rigward.
v. M'hemmx prova li d-dhul li kellha l-appellata matul is-sena 2007 sal-2013 kien tali li ma jintitolahiex tircievi c-*children's Allowance* bir-rata li fil-fatt thallset.
vi. Il-fatt wahdu li l-verzjoni tal-appellata ma ntwemmnitx, ma jfissirx li l-hlasijiet kollha ta' *children's allowance* li rceviet qabel saret l-investigazzjoni, ma kellhiex dritt ghalihom skond id-disposizzjonijiet tal-Att.

Ghalhekk minkejja dak li nghad iktar qabel hawn fuq, tqies li m'hemmx bazi sabiex l-appell tal-appellant jintlaqa' gialadarba l-qorti m'hijiex sodisfatta li gie ppruvat li matul is-snin 2007 sal-2013 l-appellata rceviet *children's allowance* li ma kinitx intitolata ghalih.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni li l-appell hu null.**
2. **Tichad l-appell.**

**3. Spejjez a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.